MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2012

Numru. 981/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Sandro Degabriele**

**Illum, 20 ta’ Lulju 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi **Sandro Degabriele** ta’ 31 sena bin Peter u Mary Anne nee’ Camilleri, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Marzu, 1979 u residenti fil-fond numru 75 Triq San Lazzru, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 168979(M).

Akkuzat talli:

Gewwa Rahal Gdid fil-jiem u gimghat precedenti t-22 ta' Settembru, 2010 flimkien ma' persuni ohra kkommetta diversi serq ta' cables mill-power station l-antika li tinsab gewwa l-Qasam Industrijali ta' Kordin, Rahal Gdid, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi €2,329.37, u dan sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpanija EneMalta Corporation u/jew persuni ohra;

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Miriam Hayman LL.D fit-28 ta' Marzu 2008, f' dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li kien mehlus mill-arrest u dan taht depozitu ta' €200 u garanzija personali ta' €5,300, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Sandro Degabriele u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €200 bhala depozitu u €5,000 bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzati ukoll talli kiser il-provediment ta' sentenza ta' prigunerija ta' sentejn sospiza ghal erba snin moghtija lilu fl-14 ta' Gunju 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Dott Miriam Hayman LL.D).

IL-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija titratta lil imputat bhala li sar recidiv ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gie misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 261(b)(c), 263, 267, 289 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li f'l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja, wara il-qara u l-konferma tac-citazzjoni kif korretta u waqt l-ezami tieghu, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-

ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkundisra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konisderazzjoni. Bla dubbju l-ewwel fatturi li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni huma n-natura ta' l-imputazzjonijiet li teghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda pjuttost refrettarja. Min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li jidher li l-vera problema ta'l-imputat hija dik tad-droga u li hija din il-problema li qed twasslu ghall-agir illegali; issa jidher li verament jixtieq jaghmelprogramm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Dan il-kambjament f'l-imputat jidher li huwa rikonoxxut anke mill-ufficjal prosekutur tant li kien hemm qbiel bejn il-partijijet dwar kif il-Qorti tista' titratta ma'l-imputat ghar-reati li taghhom qed jinstab hati.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija disposta li taghti sentenza li tippermetti lill-imputat li jaghmel il-programm ta' riabilitazzjoni pero dan ser taghmlu taht numru ta' kundizzjonijiet li ser ikunu imposti fuq l-imputat b'l-ghan li jigi assigurat li huwa jaghmel il-programm, u li jiehu dik il-kura jew dak it-trattament ta' kwalunkwe tip jew xorta li ghandu bzonn ghar-riabilitazzjoni kompleta tieghu; li jisottometti ruhu ghall-testijiet frekwenti biex jigi stabbilit li mhux qed jiehu sostanzi u li jibqa taht il-kontroll ta' ufficjal tal-probation ghall-perjodu massimu permess mill-Ligi ta' erbgha snin.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 261(b)(c), 263, 267, 289 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-

imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija. Ghar-raguniijiet fuq espressi u b'apllikazzjoni ta'l-artikolu 28B(2)(b)tal-Kaptilou 9, il-Qorti mhux ser iddahhal fis-sehh is-sentenza ta' sentejn prigunerija impost permezz tas-sentenza datata 14 ta' Gunju 2007 izda minflok ser testendi l-perjodu operativ ta' din is-sentenza ghall-perjodu iehor ta' erbgha snin mill-llum in oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' supervizzjoni ghal perjodu ta' erbgha snin mil-llum bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre u ghall-istess ragunijiet fuq espressi l-Qorti mhux qed tilqa t-talba ghall-konfiska tad-depozitu u l-garanzija relatati mal-helsien mill-arrest mghoti fit-23 ta' Awissu 2008.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

In konkluzzjoni l-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------